MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 939/2001/1

**Carmel Magro**

**vs**

**Paul Zahra**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1,212.00c (elf, mitejn u tnax il-lira Maltin) rapprezentanti danni kagunati f’kollizjoni fi Triq R. Caruana Dingli, San Gwann bejn il-vettura CAM 213 misjuqa minn iben l-attur u l-vettura FBA 957 misjuqa mill-konvenut, u dan ghaliex l-istess konvenut saq il-vettura tieghu kontra sinjal tat-traffiku b’manjiera traskurata u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Peress illi l-vettura ta’ l-attur garbet hsarat estensivi tanti illi ma setghetx tissewwa u l-istess attur kellu jikri karozza ohra sabiex ikollu mezz ta’ trasport.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja u l-imghax mid-data tal-kollizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante.

Illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' Matthew Magro, s-sewwieq awtorizzat mill-attur, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Matthew Magro.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-kawza si tratta ta' kollizzjoni li grat fit-28 ta' April, 2001 fuq ir-roundabout bejn Triq il-Pellikan u Triq R. Caruana Dingli, San Gwann. Il-vettura tal-attur CAM 123 kienet qed tigi misjuqa mit-tifel tieghu Matthew Magro filwaqt li l-konvenut kien qed isuq FBA 957. Lis-surgent investigattiv, is-sewwieq irraportawlu li hekk kif CAM 213 waslet mar-roundabout gie wrong-way u habat. Mentri FBA 957 qal li kien qed isuq fi Triq il-Pellikan u CAM 213 giet minn Triq is-Santwarju u habtu.

Matthew Magro xehed li ried imur fl-istess direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut. Huwa kien qed idur ir-roundabout izda l-konvenut le , pprova jghaddi minn quddiem. Id-daqqa tieghu lejn lemin fuq quddiem, dik tal-konvenut xellug. Bid-daqqa il-vettura tieghu daret. Ma giex minn warajh – la sema hoss u lanqas ra flicking ta' dawl. Keith Kerr il-passiggier ikkonferma li ra lil konvenut mal-impatt.

Il-konvenut xehed li hareg minn Triq il-Pellikan biex idur lejn il-lemin u jmur fi Triq Napuljun Caruana Dingli. Kif gie fuq il-give way sign fil-kantuniera, sslowja esplora t-Triq u

hareg – hares lejn il-lemin. Il-vettura l-ohra ma waqfitx u dahlet go fih. Ikkonferma li d-daqqa kienet fuq ix-xellug – izda dar mar-roundabout, mhux qabizha. Ipprova jiskapula billi tela' fuq il-low roundabout, laqatha u ghamel hsara fir-rota tal-lemin. Waqaf disgha w erbghin metru l-boghod. L-spot of impact kellha tkun aktar lura.

Illi jirrizulta nuqqas ta' qbil ta' fejn effettivament saret il-habta. Fejn irrizulta l-spot of impact jimmilita kontra t-tezi konvenuta, kombaccjat mal-hsarat u tip ta' hsarat u fejn hadu d-daqqa z-zewg vetturi.

Il-modus operandi tal-konvenut huwa wiehed pjuttost mankanti. Di fatti, ex admissis, ma waqafx fuq il-stop sign jew give way – appuntu dawn is-sinjali qeghdin hemm biex jidderigu l-mod tas-sewqan u xejn izjed, mhux biex jigu njorati. Pero' l-hin kien it-3.45a.m. allura wiehed janticipa li ma jkunx hemm traffiku. Hares lejn il-lemin gie fuq ir-roundabout u saret il-habta. Pero' l-vettura tal-attur giet minn fuq ix-xellug! Fuq iz-zewg nahat tieghu, ma kien hemm xejn li jostakola l-vizwali – hemm splays u t-triq miftuha. Li kieku kif qal hu, dar mar-roundabout – ma kienetx issir il-habta ghaliex il-vettura tal-attur kienet qieghda ddur lejn il-lemin – ossia minn fejn kien gejn hu, inoltre fejn ried imur wkoll!

Id-daqqa ma kienetx wahda zghira – li kieku kienet frontali kien ikollha konsegwenzi aktar koroh! Tant infixel il-konvenut li baqa' sejjer ghal disgha w erbghin metru wara d-daqqa. Jirrizulta li kif qalu Matthew Magro u l-passigier tieghu li l-konvenut gie minn qadd quddiemhom. Pero' l-verzjoni minnu moghtija hija inverosimili ghall-akkadut – sia d-daqqa, l-estensjoni u fejn.

Jirrizulta li t-Tribunal li responsabbilta' unika hija addebitabbli lill-konvenut billi naqas li jiehu l-prekawzjonijiet debiti meta gie biex johrog ghal u jdur mar-roundabout.

A rigward tal-hsara sofferta mill-attur, jigi notat li l-attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' Lm1,090.00c (elf u

disghin lira Maltin). Dawn ma gewx kontestati u ghalhekk jigu accettati.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm1,090.00c (elf u disghin lira Maltin) danni inkorsi, bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**